

Brussell, 24 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5675/25

FIN 103
INST 14
PE-L 4

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 5511/1/25 REV 1	
Suġġett:	Sede permanenti ġdida tal-Frontex għall-kwartieri ġenerali tagħha f'Varsavja (il-Polonja) – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fl-20 ta' Diċembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 272(3) u (6) tar-Regolament Finanzjarju¹, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ippreżentat lill-Kunsill, għal approvazzjoni minn qabel, talba riveduta għall-finanzjament ta' proġett immobiljari permezz ta' self.
2. Din it-talba tikkonċerna l-kostruzzjoni ta' sede permanenti ġdida tal-Frontex tal-kwartieri ġenerali tagħha f'Varsavja fuq il-biċċa art mogħtija mill-Awtoritajiet Pollakki. L-analiżi tal-kostijiet hija bbażata fuq kost taċ-ċiklu tal-ħajja ta' 15-il sena li jintegra l-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni. Il-finanzjament tal-proġett ser ikun taħlita tal-baġit proprju tal-Frontex u l-finanzjament estern permezz ta' self.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

3. F'Ottubru 2021², il-Kunsill kien diġà ġie infurmat mill-Frontex bl-intenzjoni tagħha li tniedi proċedura ta' sejħa għall-offerti għal Djalogu Kompetittiv u li tiżgura self għall-proġett, kif previst fl-Artikolu 272(2) tar-Regolament Finanzjarju.
4. Fil-laqgħat tiegħu tad-9 u tal-14 ta' Jannar 2025, il-Kumitat tal-Baġit eżamina t-talba l-ġdida u ma setax japprovaha, għalkemm l-ebda Stat Membru ma oġġezzjona. Madankollu, minħabba n-natura eċċezzjonali tat-talba u l-implikazzjonijiet politiċi u finanzjarji, tqieset li kienet meħtieġa deċiżjoni f'aktar minn livell tekniku.
5. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti indika li l-proġett seta' jiġi approvat.
6. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden japprova t-talba tal-Frontex biex titlesta l-kostruzzjoni tal-bini permanenti l-ġdid għall-kwartieri ġenerali tagħha f'Varsavja (il-Polonja) b'finanzjament parzjali permezz ta' self, kif ukoll l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għall-istess skop.

² Dokument WK 12810/2021.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Hans Leijtens, Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 272(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024³, ninfurmak li l-Kunsill approva t-talba tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), datata 20 ta' Diċembru 2024, biex jitlesta l-bini tas-sede permanenti l-għdida tal-kwartieri ġenerali tagħha f'Varsavja (il-Polonja) permezz ta' self.

Il-Kunsill jissottolinja li dan il-każ eċċezzjonali ma jikkostitwixxix preċedent għal kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni Ewropea biex jiffinanzja l-kostruzzjoni ta' bini fuq biċċa art mixtrija permezz ta' self.

(Formola ta' għeluq).

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).